

Brussell, 4 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0233(NLE)

---

---

13468/1/19  
REV 1

AVIATION 204  
RELEX 965

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 13448/19
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, fir-rigward tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rata unitarja u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kundizzjonijiet tal-ħlas

---

- Adozzjoni

---

1. Fil-15 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, fir-rigward tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rata unitarja u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kundizzjonijiet tal-ħlas.

2. Il-proposta msemija hawn fuq ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fl-24 ta' Ottubru 2019. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-proposta u l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE u għamli kummenti u suġġerimenti. Fil-25 ta' Ottubru 2019, il-Presidenza ċirkolat test ta' kompromess kif jinsab fid-dokument 13492/19 tal-ġuristi lingwisti.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-COREPER huwa mistieden:
  - japprova t-test tal-abbozz ta' deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 13492/19 tal-ġuristi lingwisti u jappoġġa l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE li tinsab fl-Artikolu 1 tal-abbozz ta' deċiżjoni;
  - jibagħtu lill-KUNSILL għall-**adozzjoni** f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, qabel is-sessjoni *ad hoc* tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol fit-28 ta' Novembru 2019.